MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Numru. 102/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Sandro Zarb)**

**vs.**

**Anthony Sultana**

Kaz Numru: 102/2007

Illum 27 ta’ Novembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ **Anthony Sultana** ta’ sebgha u erbghin (47) sena, ta’ nazzjonalita’ Maltija, iben Joseph u Rose neé Spiteri, imwieled Kercem, Ghawdex fit-12 ta’ Dicembru 1959, residenti ‘Golden Eagle’, Triq Santa Lucija, Santa Lucija, Kercem, Ghawdex

u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 66959(G) akkuzat talli:

fix-xhur ta’ qabel is-17 ta’ Frar 2007 f’dawn il-gzejjer, sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz bi ksur ta’ l-Artikolu 188, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta’ dan il-kaz.

Rat li, fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2008 quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-13 ta’ Frar 2012 fejn gie mitlub illi l-kawza terga’ tigi appuntata mil-gdid.

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta’ Frar 2012 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-14 ta’ Marzu 2012.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 15).

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat li xehed minn jeddu b’mod volontarju.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2012, xehed is-**Supretendent Sandro Zarb** (*a fol.* 16 *et seq.*) li qal li f’Awwissu tal-2006 kien Spettur stazzjonat id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni u kien responsabbli, fost l-ohrajn, ghall-Ufficju li jipprocessa l-licenzji tal-armi tan-nar. Jghid li kienet introdotta ligi gdida dwar l-armi li kienet tahseb, fost

l-ohrajn, ghal tip ta' licenzji godda, dawk hekk imsejha *target shooter* tat-tip "A" u tat-tip "B" u li din il-ligi l-gdida kienet introduciet l-possibilita' ta' licenzjar tal-uzu tal-armi tan-nar li sa dak iz-zmien kienu projbiti fosthom pistoli u anke *rifles*. Jghid li bhala parti mir-rekwizit f'din il-ligi sabiex persuna tkun tista' tottjeni din il-licenzja riedet tkun membru ta' klabb tal-isparar licenzjat kif ukoll tipprezenta ma' l-applikazzjoni taghha certifikat mahrug mill-istess klabb li dik il-persuna tkun attendiet kors li jharrigha kemm fl-uzu, l-ihhendiljar tal-armi, kif ukoll ir-regolamenti tal-istess ligi. Jghid li, fil-11 ta' Frar 2007, il-Pulizija kienet irceviet rapport illi wiehed minn dawk il-klabbs, cioé l-Malta Rifle Pistol Shooting Club affiljat mal-Malta Shooting Federation tal-Bidnija kien qed johrog numru minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet li jiccertifikaw l-attendenza ghal dawn it-tip ta' *courses* fir-*ranges* tal-Federazzjoni fil-Bidnija. Jghid li wara li l-Pulizija investigat u gabet numru ta' provi, fix-xahar ta' Marzu kienet waqfet l-ipprocessar ta' dawn l-applikazzjonijiet. Jghid ukoll li parti minn dawn l-investigazzjonijiet kienet tinkludi li l-Pulizija tibghat ghal numru kbir ta' persuni li kienu ssottomettew l-applikazzjoni taghhom *tramite* dan l-istess club u li, sussegwentement, ipprezentaw ic-certifikazzjoni li allegatament ma kinitx tindika l-attendenza o meno ta' dan il-kors ta' tahrig. Jghid li l-imputat kien wiehed minn dawn in-nies li l-Pulizija kienet kelmet. Jghid li, fil-25 ta' Lulju 2007, kienet ittiehdet stqarrija tal-imputat u din kienet mittiehda wara li l-imputat kien inghata s-solita twissija. Ezebixxa l-istqarrija li giet immarkata bhala Dok. "SZ 1". Jghid li f'din l-istqarrija l-imputat kien stqarr li qatt ma kien ghamel dan it-tip ta' kors. Jghid li wara li gie pprezentat dan ic-certifikat mahrug mill-Federazzjoni Maltija tal-isparar l-imputat ma kienx kompla jsegwi l-applikazzjoni tieghu biex jottjeni l-arma. Giet ezebita l-applikazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "SZ 2".

In <u>kontro ezami</u> jghid li sar jaf bir-rapport fil-11 ta' Frar 2007. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li kien hemm xi persuna li kienet qed tohrog xi certifikati li kienu attendew u fil-verita ma kienux, is-Supretendent wiegeb illi dan huwa minnu u jghid li din il-persuna tinsab ghaddejja bi proceduri kriminali fil-konfront taghha. Jghid li kien it-

tezorier tal-istess Federazzjoni li kien jiffirma c-certifikazzjonijiet. Mistoqsi jghid jekk dan kienx Ronnie Grech, is-Supretendent jwiegeb fin-negattiv. L-Ufficjal Prosekutur jghid li l-persuna mnizzla f'Dok. "SZ 2" hija Ronnie Grech, li kien segretarju tal-federazzjoni pero' li ma kienx hu li qed jiffirma dawn id-dikjarazzjonijiet, pero' kienu zewg persuni ohra li kienu tezorier u ufficjal iehor tal-ghaqda. Jikkonferma li dawn iz-zewg persuni kienu ccertifikaw li l-imputat kien attenda l-kors u huwa *"capable of handling such a weapon"* (*a fol.* 18). Jghid li l-imputat u ohrajn li ttiehdu proceduri fil-konfront taghhom kienu l-applikanti li pproducu c-certifikati biex il-pulizija tkun tista' tipprocessa l-applikazzjoni taghhom. Jghid illi *"kien qed jaghmel uzu minn dak ic-certifikat iktar milli johorgu hu stess"* (*a fol.* 18). L-Ufficjal Prosekutur kompla jispjega hekk: *"il-ligi kienet titlob lill-applikant jipproduci dan ic-certifikat mill-klabb li jkun issieheb mieghu"* (*a fol.* 18). Mistoqsi jghid jekk dan ic-certifikat giex mehud l-Ghassa, l-Ufficjal Prosekutur wiegeb fl-affermattiv u dan peress li huwa parti mid-dokumenti li jridu jigu pprezentati biex tkun tista' tigi ipprocessata tali applikazzjoni.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehdet **WPC 193 Diane Cilia** (*a fol.* 25 *et seq.*) li qalet li ilha stazzjonata fil-Weapons Office r-Rabat Ghawdex ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Tghid li fix-xahar ta' Frar 2007 kienet stazzjonata l-Weapons Office. Mistoqsija tghid x'inhi l-procedura li applikant ikun irid jaghmel biex jissottometti applikazzjoni ghall-hrug ta' kull licenzja li tirrigwardja armi tan-nar twiegeb li l-persuna trid tmur l-ufficcju taghhom bil-Karta tal-Identita, igibilhom xi jkun hemm bzonn jigifieri l-applikazzjoni u tiffirma l-applikazzjoni. Mistoqsija tghid jekk jistghax imur persuna ohra bl-applikazzjoni u d-dokumenti annessi, twiegeb fin-negattiv. Wara li rat Dok. "SZ 1" (*a fol.* 21) tghid li din japplikaw biex igibu l-licenzja Target B tal-*air weapons* u li l-applikant ikun irid jaghmel kors tal-licenzja tal-*air weapons* imbaghad jibghatulhom ic-certifikat halli japplikaw ghal-licenzja Target B u jkomplu jipprocessaw minn naha taghhom.

In <u>kontro ezami</u> tghid li l-applikant ikun irid jiffirma l-applikazzjoni u jgibulhom certifikat tal-kors li attendew.

Mistoqsija tghid jekk anki c-certifikat tal-kors jiffirmawhx, wiegbet fil-pozittiv (*a fol.* 26).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PC 1610 Noel Buhagiar li kien xhud tal-istqarrija mmarkata bhala Dok. "SZ 1" (*a fol.* 19).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, xehed l-**imputat** (*a fol.* 28 *et seq.*) li qal li fl-2007 kien ser jixtri *air gun* u mar ghand id-*dealer*. Jghid li dan id-*dealer* kien certu John Sultana u li dan kien tah karta blue jew celesti u qallu biex imur biha l-Ghassa tal-Pulizija. Huwa jghid li mar biha l-Ghassa u ftit wara rcieva biex imur biha d-Depot, Malta. Jghid li s-Supretendent kien qallu li jrid japplika ghall-kors f'Malta u li sussegwentement iddecieda li ma jixtri xejn. Mistoqsi jghid jekk kienx jaf x'fiha din il-karta blue li semma', jghid li ma jafx x'kien fiha. Jghid li ma kiteb xejn fuq din il-karta. Jghid li kien baqa' fuq l-istruzzjonijiet li kien tah id-*dealer*. Jghid li kien ha l-karta l-Ghassa tal-Pulizija imbaghad ircieva karta mid-Depot minn Malta. Jghid li wara li kien kellem lis-Supretendent Zarb, hu (l-imputat) ghamel dikjarazzjoni quddiem is-Supretendent li ma kien ser jixtri xejn u hadd ma gharrfu xejn iktar. Jghid li wara gie mgharraf li kellu jmur il-Qorti peress li kien ha gurament falz. Jghid: *"la xtrajt, la mort ghall-korsijiet, ghax ghidtlu ha nhassar kollox, la biex nigi ghal-licenzja rrid licenzja ghall-air gun u rrid naghmel kors il-Bidnija, Malta, ma jiena ha nixtri xejn, u ma xtrajt xejn"* (*a fol.* 29). Jghid li qatt ma kellu licenzja tal-*air gun* ghax ma kienx jaf mid-*dealer* li m'ghadhiex l-istess licenzja. Jghid li gie mgharraf li ghandu l-Qorti fis-sena 2012.

Ikkunsidrat

Illi d-difiza, fit-trattazzjoni taghha (*fol.* 31 *et seq)* teccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin u taghti r-ragunijiet taghha ghal dan. Id-difiza tirrikonoxxi illi l-imputat gie notifikat bl-imputazzjonijiet odjerni fit-13 ta' Frar 2012. Illi minkejja li t-timbru fuq l-akkuzi jgib id-data tal-4 ta' Dicembru 2007, u minkejja li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jghidu biss: *"talli fix-xhur ta' qabel is-17 ta' Frar 2007"* u

ma tuzax il-kliem iehor bhal *"fil-granet u fix-xhur ta' qabel"*, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza *stante* illi l-imputat gie notifikat qabel id-data indikata fl-imputazzjoni, cioé qabel is-17 ta' Frar 2007. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi michuda.

Illi, fir-rigward tal-mertu tal-kawza, il-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat u li tinsab esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. "SZ 1" (*fol.* 19 *et seq).* Mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirrizulta li l-istess imputat gie nfurmat li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma xtaqtx li jitkellem u li dak li jghid setgha jingieb bhala prova. Ma jirrizultax li l-imputat inghata zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' f'Lulju 2007, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Illi ghalhekk il-konfessjoni maghmula mill-imputat saret bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dana qed jinghad in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino**.[1] Apparti minn dan, jirrizulta wkoll mill-fedina penali tal-imputat, li l-imputat ma jistax jitqies bhala wiehed midhla tal-Qrati jew li b'xi mod jidher li ghandu kondotta raffrettarja u dana stante li l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa. Ghaldaqstant, in vista ta' dak li nghad fuq, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha u qed tigi skartata mill-Qorti.[2]

Illi, in segwitu ta' dan u minn analizi tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-dokumenti ezebiti, specifikament il-formola bl-intestatura "Subject: Application for a new License" (Dok. "SZ 2" – *a fol.* 21), din il-formola ggib l-firma ta' zewg persuni, wiehed minnhom jidher li huwa

[1] Sentenzi decizi fil-11.4.11 u 12.4.11 rispettivament.
[2] *Vide* **Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Lulju 2012.

certu Rennie Grech. Dawn iz-zewg persuni ma ntalbux joffru x-xiehda taghhom f'dawn il-proceduri. Apparti dan, fuq dan id-dokument l-imputat ma ffirmax.

Illi hu car li l-imputat kien qieghed jistrieh fuq ic-certifikat mahrug mill-Malta Shooting Federation izda hu ma kellu ebda kontroll fuq l-istess certifikat.

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih b'dan id-dokument. Ghall-imputat id-dokument li harget il-Federazzjoni kien tajjeb. Ma tirrizulta l-ebda prova li tista' twassal ghal sejbin ta' htija tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------